MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 245/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Sapiano**

Illum, 8 ta' Mejju 2006

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Sapiano talli:

1) f'Marzu 2004 u/jew fil-perijodu ta' qabel f'Villa Margerita, Triq tas-Silg, Marsaxlokk waqqa' jew ipprova jwaqqa, qata' jew ipprova jaqta', nehha jew ipprova jnehhi l-qoxra tas-sigra jew partijiet taghha, nehha jew ipprova jnehhi l-weraq tas-sigra, qala' jew ipprova jaqla' l-gheruq, nehha jew ipprova jnehhi l-injam, wahhal jew ipprova

jwahhal xi haga ma’, jew bi kwalunkwe mod qered jew pprova jeqred, ghamel hsara jew ipprova jaghmel hsara lil xi sigra jew partijiet taghha li hija elenkata fl-Iskeda I, II u III u ta’ xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma’ dawn ir-regolamenti;

2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi radam, ipprova jordom,pogga jew ipprova jpoggi xi hamrija, demel, skart, zibel, gebel, errapien, metal tal-iskrapp, jew xi haga ohra ta’ skart qrib xi sigra li hi elenkata fl-Iskeda I, II jew III jew qrib xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu mar-regolamenti ta’ l-A.L. 12 ta’ l-2001;

3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha parti f’azzjoni jew ipprova jiehu parti f’azzjoni, jew agixxa b’tali mod li, fil-fehma tad-Direttur tista’ tkun ta’ hsara ghall-identita` biologika, jew ghal xi sigar elenkati fl-Iskeda I, I, II jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV;

4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qala’ xi sigra elenkata fl-Iskeda I, II u III jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV minghajr licenzja tad-Dipartiment;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mark Sapiano hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat “ir-regolament 6 ta’ A.L. 12 tal-2001 u A.L. 129 tal-2001, kif ukoll regolament 7(4) tal-A.L. 12 tal-2001 u regolament 6, 8(1)(2)(3) u 15 tal-A.L. 12 tal-2001”, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ sitt elef u hames mitt liri Maltin (Lm6,500);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Mark Sapiano li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati u kwindi tilliberah skond il-ligi; izda, f’kaz illi dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ir-rizultanzi processwali mhumiex sufficjenti sabiex tinstab il-htija kontra l-appellant; (2) jekk il-prosekuzzjoni targumenta li l-appellant ammetta li qata’ s-sigar in kwistjoni, dan il-fatt ma jistax iwassal ghall-prova rikjesta mil-ligi ta’ x’sigar huma li qata’ u x’eta` kellhom; (3) ma ngabet l-ebda prova dwar it-tieni imputazzjoni; (4) id-deposizzjoni ta’ Joe Aquilina fis-sens illi probabilment ma kienx hemm talba ghall-qtugh tas-sigar mhix sufficjenti bhala prova min-naha tal-prosekuzzjoni; (5) l-avviz legali 129/2001 m’ghandu l-ebda rabta mal-kaz; (6) l-element formali huwa nieqes; (7) il-piena hija eccessiva.

L-aggravji principali ta’ l-appellant bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi prodotti u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-Ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija kif fuq indikat.

Il-provi jistghu jigu riassunti hekk:

**Stanley Gatt** xehed illi fil-25 ta' Marzu 2004 kien *senior environment inspector* il-MEPA meta ghall-habta ta' 12.00 p.m. ircevew informazzjoni illi f'Villa Margerita, Triq tas-Silg, Marsaxlokk kien qed isir qtugh ta' xi sigar. Huwa acceda fuq il-post flimkien mal-kollega tieghu Elizabeth Conrad u hemm tkellmu ma' l-appellant. Skond dan ix-

xhud, l-appellant qalilhom illi huwa kien responsabbli mix-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru fil-villa msemmija u kien qed jahdem taht l-istruzzjonijiet ta' l-*employer* tieghu, certu Andreas Gerdes. Irrizultalhom illi fuq il-post kienu nqatghu tnax-il sigra tal-prinjol ta' l-ispeci pinus halepensis u wahda tamarisk li kollha jirrizultaw inkluzi fl-Iskeda I ta' l-Avviz Legali 12 tas-sena 2001. Ix-xhud qal li saqsa lill-appellant jekk kellux xi permessi specifici ghall-qtugh tas-sigar imsemmija u dan qallu li ma kellux. Pero` qalllu wkoll illi bejn gimaghtejn u tlieta qabel ma pproceda b'dawn ix-xoghlijiet kien tkellem ma' rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li nfurmah li kienu s-sigar tal-harrub u taz-zebbug biss li huma mharsa u illi l-kumplament setghu jinqatghu. L-appellant tah in-numru tat-telefon fejn kien cempel – in-numru 21415488 – u meta x-xhud cempel dak in-numru sab illi ma kienx tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura izda tal-Landscape Consortium f'Wied Incita. Ix-xhud ikkonferma illi l-appellant la kellu permess tal-MEPA u lanqas tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura sabiex jaqta' s-sigar in kwistjoni. Huwa qal ukoll illi l-ittra datata 26 ta' Marzu 2004 a fol. 3 hija l-ittra li nkitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu passi kontra l-appellant.

**Joseph Aquilina** xehed illi huwa *principal agricultural officer* fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Qal li f'dan il-kaz ma rcevew l-ebda talba biex jinqatghu xi sigar. Huwa ghamel ricerka fir-*Registry* tad-Dipartiment u m'hemm xejn imnizzel li l-individwu ghamel it-talba. Issokta jghid illi meta jircievu talba, l-ewwel ma jaghmlu jikkuntattjaw lill-MEPA ghax il-MEPA titlob lilhom jekk isibux oggezzjoni jew le. F'dan il-kaz ma setax jikkuntattja lill-MEPA. Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni jew permess. In kontro-ezami giet attirata l-attenzjoni tax-xhud ghal dak li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata indikat li kien qal ix-xhud, u cioe` illi "d-Dipartiment ma jzommx record jew file ghal kull talba li jircievi, allura ma jistax jeskludi kompletament li qatt ircieva talba bhal din". Ix-xhud ipprova jispjega li huma ma jircivux ittri izda dawn imorru r-*Registry*, u illi hu qatt ma rcieva xi talba. Imbaghad qal illi dak li ried jghid mhuwiex li d-Dipartiment ma jzommx records izda li meta l-individwu jibghat talba, din tmur normalment ir-*Registry* l-

*Head Office* mbaghad skond it-talba jmexxuha u f'dan il-kaz ma waslet l-ebda talba ghandu. Ghal mistoqsijiet jekk sakemm talba tasal ghandu tghaddix minn certi passaturi, jekk waqt li ghaddejja minn dawn il-passaturi hu m'ghandux kontroll u li dawn il-passaturi ma jirrekordjawx it-talba, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Minn dawn il-provi jirrizulta evidenti illi l-appellant kien responsabbli ghall-qtugh ta' numru ta' sigar li kienu jinsabu f'Villa Margerita, Triq tas-Silg, Marsaxlokk, u illi dan ghamlu minghajr ma kellu permess jew licenzja biex jaghmel hekk. Jekk kien qieghed jahdem taht l-istruzzjonijiet tal-*employer* tieghu, dan ma jezimihx mir-responsabbilita` li josserva l-ligijiet tal-pajjiz. Wara kollox, minn dak li x-xhud Stanley Gatt qal li kien qallu l-appellant, dan dehrlu li kellu jsaqsi jekk setax jaqta' s-sigar in kwistjoni. Il-fatt imbaghad illi s-sigar gew identifikati minn xhud tal-prosekuzzjoni ma jfissirx illi din il-Qorti hi prekluza milli taccetta dak li qal Stanley Gatt dwarhom meta ma hemm l-ebda prova ohra li tikkontradici dak li qal dan ix-xhud. Barra minn hekk minn imkien ma jirrizulta illi sabiex jittiehdu proceduri kriminali a tenur ta' l-A.L. 12 tas-sena 2001 huwa mehtieg *letter to prosecute*.

Issa, ir-regolament 8 (1) ta' l-Avviz Legali 12 tas-sena 2001 jitkellem car dwar dak li jrid isir qabel ma tinqala' xi sigra msemmija fl-Iskedi annessi ma' l-imsemmi Avviz Legali:

**"Kull persuna li tixtieq taqla' xi sigra elenkata fl-Iskedi I, II u III jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV ghandha bzonn licenzja li tinkiseb minn qabel mid-Dipartiment [ghall-Harsien ta' l-Ambjent], b'dan illi tkun gabet minn qabel l-approvazzjoni mehtiega mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura."**

Barra minn hekk, ir-regolament 6 jipprovdi illi ebda persuna **"ma tista' … bi kwalunkwe mod teqred jew tipprova teqred, taghmel hsara jew tipprova taghmel hsara, lil xi sigra jew xi partijiet taghha li hija elenkata fl-Iskedi I, II u III u ta' xi sigra jew partijiet taghha li hija elenkata fl-Iskeda IV li jinsabu ma' dawn ir-**

**regolamenti, hlief ghal ragunijiet ta' maniggar jew ta' intervent kirurgiku mwettqa mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati"**, filwaqt illi r-regolament 7(4) jipprovdi illi ebda persuna **"ma tista' tiehu parti f'azzjoni jew tipprova tiehu parti f'azzjoni, jew tagixxi b'tali mod li, fil-fehma tad-Direttur tista' tkun ta' hsara ghall-identita` biologika, jew ghal xi sigra elenkata fl-Iskedi I, II, III jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu"** mar-regolamenti msemmija.

M'hemmx dubju li l-appellant ma ottemperax ruhu mal-ligi qabel ma qala' jew qata' s-sigar in kwistjoni. Jekk verament cempel il-Landscape Consortium sabiex jindaga x'kellu jaghmel jew jekk setax jaqla' jew jaqta' s-sigar in kwistjoni, dan certament ma kienx bizzejjed u l-appellant imissu mar f'ras il-ghajn. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi huwa x-xoghol tal-Consortium li taghti pariri dwar liema sigar jistghu jinqatghu u liema le. Jekk verament l-appellant cempel ghand il-Consortium u nghata parir hazin, jibqa' l-fatt li kien l-appellant li wettaq l-atti li wasslu ghall-qlugh jew qtugh tas-sigar imsemmija u allura ghall-ksur tal-ligi. Ma jistax jargumenta li ma kellux x-*scientia* mehtiega meta wera certa negligenza fl-indagni li huwa suppost ghamel. *Ignorantia legis neminem excusat*.

Jigi osservat pero` illi t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax peress illi hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma semma' li l-appellant wettaq xi att minn dawk elenkati f'din l-imputazzjoni. Barra minn hekk l-appellant ghandu ragun jghid illi l-A.L. 129 tas-sena 2001 (imsemmi mill-prosekuzzjoni fit-tielet imputazzjoni) m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz peress illi dak l-Avviz Legali jirrigwarda "Bastimenti Zghar". Huwa evidenti pero` li dak kien *lapsus calami* ta' min ittajpja l-akkuza u r-referenza riedet tkun ghall-A.L. 12 ta' l-2001 u mhux 129 ta' l-2001.

Kwantu ghall-piena, l-Ewwel Qorti rreferiet ghall-artikolu (*sic!*) 15(2)(b) ta' l-Avviz Legali tas-sena 2001 li jistabilixxi piena ta' multa bejn mitejn lira (Lm200) u ghaxart elef lira (Lm10,000) ghal kull sigra li ghandha aktar minn ghaxar snin "bhal ma hu l-kaz in ezami".

Fil-kaz in ezami, hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li xehdu quddiem din il-Qorti ma qal li s-sigar in kwistjoni kellhom aktar minn ghaxar snin u ghalhekk ghall-finijiet ta' piena din il-Qorti sejra tikkunsidra li kienu taht l-ghaxar snin. Barra minn hekk jirrizulta illi l-*pinus halepensis* – is-sigra tal-prinjol, jew znuber – jinsab elenkat fit-Taqsima B ta' l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti msemmija filwaqt illi t-*tamarix* – jew bruka – tinsab elenkata fit-Taqsima A ta' l-Ewwel Skeda. B'hekk fir-rigward tal-bruka li nqalghet jew inqatghet mill-appellant huwa applikabbli r-regolament 15(2)(a) fejn il-piena hija dik tal-multa ta' mhux anqas minn Lm200 izda mhux aktar minn Lm1,000 ghal kull sigra, filwaqt illi fir-rigward tat-tnax-il znuber huwa applikabbli r-regolament 15(2)(c) fejn il-piena hija dik tal-multa ta' mhux anqas minn Lm100 izda mhux aktar minn Lm1,000 ghal kull sigra. Konsegwentement hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' sitt elef u hames mitt liri Maltin (Lm6,500) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u erba' mitt liri Maltin (Lmm1,400), u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------